**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A29-09

28t’April 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/29**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 30t’April 2009, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tat-Trial Balance Frar 2009
6. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għall-Laqgħa tal-lokalita’
7. Approvazzjoni tal-Programm għal Jum il-Gżira
8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Ħatra ta’ Servizz t’Accountant
9. Programmi Unjoni Ewropeja
10. Laqgħa Oħra
11. Affarijiet Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

28 ta' Mejju 2009

Ref Nru.Klg5/029

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/29 li saret il-Ħamis 30 t' April 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat**

Il-Kunsillier Ian Micallef minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-28 t' April 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 26 ta' Marzu 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**l.2.** Paġna Nru: 9 – para 9 .1 Dan il-paragrafu irid jinqara kif ġej:

‘ Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat, il-Kunsillier Anthony Abela qal, li l-Kunsill għandu problema bil-kuntrattur għax dejjem iwiegħed li ser ikompli bix-xogħol u sallum kien għadu ma deherx fil-lokalita’ minkejja l-fatt, li kien iltaqa’ diversi drabi kemm ma’ Paul Magro kif ukoll, mal-Perit Sandra Vassallo u żaru diversi toroq. Madanakollu, l-kuntrattur naqas milli jibda. Huwa kompla jgħid, li s-Segretarju Eżekuttiv kienet kuljum iċ-ċempel u tibgħat *faxes* jew *e-mails* bħala *reminders* għal liema, l-Kunsill qatt ma rċieva risposta’.

‘F’dan l-istadju, ċ-*Chairman* staqsa jekk il-Kunsillieri kellhomx xi proposti x’jagħmlu’.

‘Il-Viċi-Sindku qal, li minħabba l-kwestjoni attwali tal-fondi, hemm riskju li l-Kunsill kien ser jitlef il-flus u bla dubju kien jaqbel mija fil-mija li jinħareġ *Tender* ġdid pero’, b’forma ta’ garanzija bankarja b’ammont predeterminant, li l-valur tagħha jirrifletti l-ammont tax-xogħol, jekk jonqos milli jaqdi dmiru’.

Dawn l-emendi tressqu mill-Kunsillier Anthony Abela ssekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**1.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *Memo* 27/2009 – Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali li tgħid ‘li b’mod immedjat, il-laqgħat tal-Kunsill għandhom jibdew dejjem mhux qabel il-5.30 p.m. u mhux aktar tard mis-7.00 p.m.’ u li kopja tagħha kienet ser tintbagħat lill-Kunsillieri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna 2 para 2.1.** Rigward il-fondi ta’ Ħadd Għalik, il-Kunsill ġie nfurmat li dawn kienu ser jintbagħtu fl-aħħar ta’ Mejju 2009.

**2.2. Paġna 3 para 2.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit kien intalab sabiex jitlob li l-Kunsill jiġi rimburżat ukoll, il-VAT għaliex fil-proġett tas-*Central Strip* din ġiet mħollija barra u jissottometti l-ewwel dikjarazzjoni għall-ewwel terz tal-proġett tal-Ġnien.

**2.3. Paġna 3 2.5.** Il-Kunsillier Joe Camilleri ta’ rendikont tax-xogħlijiet li kienu saru fil-latrina pubblika fejn fost affarijiet oħra nforma li s-saqaf kien sar bla ħlas tal-planki tal-*Concrete* mid-ditta Polidano Bros. Huwa kompla jgħid, li dan kien *set off* tal-kwestjoni ta’ ħlas pendenti għall-ħsarat kkawżati fil-lokalita’ waqt tqiegħid ta’ *cable* tad-dawl (permess Nru: TP4 1054/2004 u TP4 1056/2004).

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jikteb lin-*Network Infrastructure Directorate (ADT)* biex tingħalaq il-*claim* dwar il-kwestjoni ta' ħlas pendenti hawn fuq imsemmija.

Huwa nforma li sid il-*bus stop kiosk* kellu kopja taċ-ċwievet tal-latrina kif ukoll, kien qed jitlob ammont addizzjonali ta' €2,329.37 biex jitlestew ix-xogħlijiet (dan għaliex il-Kunsill fil-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2009 kien diġa approva nefqa ta' €4,658.75 (Lm2000).

Il-Viċi-Sindku qal, li meta l-kuntrattur preżenti, Emanuel Mifsud jerġa' jibda jopera, jrid jirranġa kemm il-*manpower* kif ukoll, il-manutenzjoni u fl-opinjoni tiegħu, għandha ssir laqgħa biex tiġi diskussa l-materja dwar il-*Public Convenience* Attendant.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri għat-talba ta' €2,329.37 u li ssir laqgħa mal-kuntrattur.

**2.4. Paġna 4 para 3.6** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ittra lid-ditta *Hoffman & Mahadea* dwar talba għal *aluminium moveable stand* fix-Xatt Gżira kienet intbagħtet u twieġbet ukoll, il-kjarifika ta' l-Avukat Calleja għan-nom tas-Sur Ivan Zammit li kien qed jidher għad-ditta hawn fuq imsemmija.

**2.5. Paġna 5 para 3.7** It-*tower crane* tad-ditta *Stivala Operators Ltd* kien ġie nstallat fi Triq Ponsonby skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Perit. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li t-*tower cranes* irid ikollhom l-aċċess magħluq bil-*boundary wall* u għalhekk għandna nitolbu l-assistenza tal-*Health & Safety*.

**2.6. Paġna 5 para 3.9** rigward ir-*renewal of insurance policies* għall-perjodu 1 t'April 2009 sal-31 ta' Marzu 2010, il-Kunsill ġie nfurmat li l-bini ta' l-*Activities Centre* għandu jiġi nkluż u għalhekk, il-bini, *fittings and fixtures* u l-*electronic equipment* ta' dan iċ-Ċentru, ġew inklużi fir-*renewal* ta' l-*insurance policies*.

**2.7. Paġna 7 para 6.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta M.I.C.S. kienet ser tingħata l-kuntratt għall-korsijiet tal-*Computer* li ser isiru fl-*Activities Centre*. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li t-Tnejn 4 ta' Mejju 2009, kien ser jiġi ffirmat il-kuntratt u jsir il-ħlas ta' €1,100 b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2.8. Paġna 9 para 9.1**. – Il-Kunsill qabel mad-*draft letter* li ser tintbagħat mill-Kunsill lid-ditta Asfaltar Construction Ltd rigward il-kuntratt eżistenti ta' *Patching & Kerb re-instatement Works* u li kopja tagħha għandha tintbagħat ukoll, lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lis-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said.

Il-Viċi-Sindku qal, li għandu jinħatar Kumitat *ad hoc* biex jinħareġ *Tender* ġdid filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li jekk ikun hemm bżonn jiġi emendat id-dokument eżistenti skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

**2.9.** Iċ-*Chairman* talab biex l-ewwel jiġu trattati minn *item* Nru: 4 sa *item* Nru: 9, wara *item* Nru: 3, 10 u 11 ta' l-*Agenda*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1085 sa Nru. 1143 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Il-Kunsillier Anthony Abela talab kjarifika dwar *Request Sheet* Nru: 1100 J.F. Mallia għall-ammont ta' €450.03 kif ukoll, r-*Request Sheets* minn Nru: 1130 sa 1134 tal-Perit J. Bugeja għall-ammont ta' €2,996.94.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-ammont ta' *Request Sheet* Nru: 1100, kien jinkludi manutenzjoni fuq *Central Hanging Luminaire* fi Triq Stuart bejn l-*Orpheum* u l-Klabb tal-P.L. filwaqt li r-*Request Sheets* hawn fuq imsemmija tal-Perit J. Bugeja kienu *Contract Management fees* fuq xogħlijiet li saru matul Ottubru, Novembru u Diċembru tas-sena 2007. Din il-materja kienet ġiet diskussa waqt il-laqgħa li saret fit-12 ta' Frar 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni wkoll, l-ammont ta'

- €42.00 pagabbli lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Assikurazzjoni dwar il-flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali 2009 - 01.05.09 sa 31 ta' Diċembru 2009

- €433.00 *invoice* 9857 – *Frankit* – ammont dovut lill-Kunsillier Joe Camilleri għad-danni li sofra fuq il-vettura tiegħu approvati fil-laqgħa 26 ta' Marzu 2009.

- €350.00 – *invoice* 8114 – *Master Enterprises Co. Ltd* madum għall-Latrina Pubblika.

- €279.50 – *Internet Access – Activities Centre*

- €505.80 – Qormi Aluminium - *Aluminium Cabinet Activities Centre* – sabiex jintagħlaq l-aċċess għall-*metres* tad-dawl u l-ilma – minħabba l-fatt, li dan jagħmel parti mill-komun, il-Kunsill kiteb lid-ditta *D'Aniens Development Ltd* sabiex jew tgħaddi dan l-ammont lill-Kunsill jew tħallas direttament lid-ditta Qormi Aluminium.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1085 sa Nru: 1143 inkluż ill-ħlasijiet imsemmija f'paragrafu **4.2.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni tat-*Trial Balance* Frar 2009

**5.1.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri preżenti dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *Appendix* Nru: 2) it-*Trial Balance* ta' Frar 2009, ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

## 6. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għall-laqgħa tal-Lokalita'

6.1. Wara li ċ-*Chairman* spjega x'kien ser jikteb fill-kummenti tiegħu fejn fost affarijiet oħra kien ser isemmi l-*Activities Centre*, l-*embellishment* tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u l-Latrina Pubblika, r-Rapport Amministrattiv (ara *Appendix* Nru: 3) ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 7. Approvazzjoni tal-Programm għal Jum il-Gżira

**7.1.** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi b'aċċenn partikulari għaż-żjajjar li ser isiru lill-Anzjani, kemm f'San Vincenz de Paule, id-Dar ta' l-Anzjani Gżira u dawk ll-Anzjani li ma joħorġux minn djarhom ta' din il-lokalita' kif ukoll, il-ftuħ ta' l-*Activities Centre*.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li jsiru tlett riċevimenti

| | | |
|---|---|---|
| i. | 15 ta' Mejju | ftuħ ta' l-*Activities Centre* |
| ii. | 16 ta' Mejju | Stedina għar-residenti li joqgħodu fl-*area* taċ-Centru |
| iii | 18 ta' Mejju | Laqgħa t' introduzzjoni ma' l-iskejjel |

kif ukoll, jinħatar Kumitat magħmul mill-Viċi-Sindku bħala *Chairman*, u l-Kunsillieri Joe Camilleri u Malcolm Camilleri sabiex jiltaqgħu l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2009.

**7.2.** Il-Viċi-Sindku nforma li l-fotografu Aaron Bonnici kien ha madwar tletin ritratt tal-lokalita' u din il-wirja kienet ser tiġi nawgurata fil-ftuħ taċ-Ċentru. Huwa kompla jgħid, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jagħtih rigal ta' rikonnoxximent.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jingħata l-ammont ta' €50.

## 8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Ħatra ta' Servizz t'*Accountant*

**8.1.** Sitta applikaw għas-servizz hawn fuq imsemmi li kienu:

| | € |
|---|---|
| Justine Vella | |
| John Robert Ducker | 250.00 |
| Antoine Portelli | 375.00 |
| Karl Luke Delia | 590.00 |
| Reuben Buttigieg | |
| Graziella Camilleri | 250.00 |

Iċ-*Chairman* qal, li l-*interviews* kienu saru fis-16 t'April 2009 u l-Bord ta' l-Għażla li kien magħmul mis-Sindku, Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista ma setgħux jattendu minħabba mpenn ta' xogħol, kien iltaqa' ma' l-applikanti kollha barra Reuben Buttigieg għax ma setax jistenna. Huwa qal ukoll, li Dott Ian Micallef bħala *minority leader* kien infurmat permezz ta' *e-mail* datata 3 t'April 2009 (Kopja tal-korrispondenza ntbagħtet ma' l-*Agenda* lil kull Kunsillier – ara *Appendix* Nru: 4) .

Iċ-*Chairman* qal, li Justine Vella ma kwalifikatx minħabba l-fatt, li ma kelliex esperjenza ta' xogħol t'*accounts*. Huwa kompla jgħid, li l-għażla saret fuq ħames kriterji li kienu, Esperjenza, Personalita', *Aptitude*, *Commitment* u kwalifikazzjonijiet. Wara li saru l-intervisti kollha fuq bażi ndividwali, r-*ranking* kien:

Antoine Portelli
Karl Luke Delia
John Robert Ducker
Graziella Camilleri

Għaldaqstant, abażi ta' prezz, kwalifikazzjonijiet, esperjenza u mpenn lejn ix-xogħol, kien qed jiġi rrakkomandat Antoine Portelli għall-prezz ta' €375 VAT inkluża.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni hawn fuq imsemmija b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri. Is-Sur Portelli ser ikun fuq *probation* ta' sitt xhur, mġedded kull sena, l-kuntratt jista' jiġi terminat miż-żewġ naħħat bil-kundizzjoni li trid tiġi finalizzata s-sena finanzjarja kurrenti kif ukoll, l-*ancillary financial auditing reports*.

## 9. Programmi Unjoni Ewropea

**9.1.** Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-laqgħa li kellu mal-*Malta EU Steering & Action Committee (MEUSAC)* u qal, li kien hemm diversi fondi li l-Kunsill seta' japplika. Huwa kompla jgħid, li dawn jirrikjedu ħafna xogħol biss jekk napplikaw, dawn iridu jiġu finalizzati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dan huwa xogħol impenjattiv ħafna u wieħed irid ikun kemm preparat kif ukoll, kapaċi jissottometti dawn l-applikazzjonijiet għaliex jekk dawn jibdew jiġu rifjutati, l-Kunsill jiġi *blacklisted.* Hi kompliet tgħid, li bid-devoluzzjonijiet li ngħataw f'dawn l-aħħar snin lill-Kunsilli, kienu diġa qed jagħmluha diffiċli biex jintlaħaq ix-xogħol bir-riżorsi umani li għandna aħseb u ara bir-responsabbilitajiet li hu ppjanat li jirċievi l-Kunsill, skont il-programm ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali u l-applikazzjonijiet għal dawn il-fondi. Għaldaqstant, kienet qed titlob, biex il-Kunsillieri jagħtu l-impenn tagħhom f'dawn l-applikazzjonijiet kif ukoll, irid jinstab mod kif il-Kunsill jitlob biex jiżdiedu l-impjegati biex ikun jista' jsir il-*back office work*.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu għandhom jinħatru Kumitati u Sotto-Kumitati biex jiġu sottomessi dawn l-applikazzjonijiet.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu kien jaqbel li jinħatru s-Sotto Kumitati sabiex jimmoniterjaw dawn il-proċessi u elenka wkoll, li fir-riforma, r-rwol tas-Segretarju Eżekuttiv ser jiġi onorat u l-proposta tiegħu għas-Sotto-Kumitati hi '*a way forward*'.

Huwa kompla jgħid, li abażi tal-laqgħa li kellu mal-M.U.S.E.C. il-*head* tal-*Funding Unit*, Maria Schembri kienet bagħtet *e-mail* lill-Kunsill bil-programmi li għalihom il-Kunsill seta' japplika. Filwaqt li wieħed mill-proġetti li hu jixtieq jaħdem dwaru, kien dak tal-libreriji, kien qed jissuġġerixxi li l-*e-mail* li l-Kunsill irċieva tintbagħat għall-attenzjoni tal-Kunsillieri kollha biex b'hekk kulħadd ikollu l-opportunita' li jissottometti l-kummenti tiegħu u jaħdem fuq dawn il-proġetti.

Intant, b'eżitu tal-punti tar-riforma, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li wieħed mill-aktar punti li dwaru nħoloq dibattitu kien, li l-Kunsilli Lokali jiftħu s-Sibt filgħodu sa nofs in-nhar.

Fil-laqgħa li l-impjegati tal-Kunsilli kellhom ma' l-Onor Chris Said, dan infurmahom li huma m'humiex obligati li jaħdmu s-Sibt u ż-żewġ ħaddiema ta' dan il-Kunsill qalu, li huma ma kienux ser jaħdmu s-Sibt u għalhekk dan iffisser, li l-Kunsill irid jimpjega wkoll ħaddiema oħra għal dan il-għan liema mpjegati, jridu jiġu ngaġġati trammi tas-sistemi li kien ser iħabbar il-Gvern stess. Hi qalet ukoll, li l-punti tar-riforma kienu ser jgħaddu lill-Kunsilli permezz ta' *memos* u ser isiru wkoll, *pilot projects*.

Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-7.10 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-30 t' April 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat *e-mail* mibgħuta minn *Heritage Malta* dwar kopja ta' ktieb – Rotot Merkantili u Bliet Kummerċjali fil-Mediterran li kien qed jingħata mingħajr ħlas lil kull Kunsill Lokali. Għalhekk, il-Viċi-Sindku, kellu jiġbor kopja ta' dan il-ktieb.

**3.4.** Inqrat proposta mibgħuta minn Taran Arrigo dwar *outside fitness equipment.*

Il-Viċi-Sindku qal, li fl-opinjoni tiegħu, dan l-apparat għandu jiġi nstallat fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, fl-*area* fejn hemm il-bandli tat-tfal biex b'hekk il-ġenituri jkollhom l-opportunita' li jagħmlu eżerċizzi fiżiċi sakemm it-tfal ikunu qed jitbandlu. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż, li din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal mal-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri.

**3.5.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz t'ittra datata 16 t'April 2009, minn Dott. Stefan Buontempo – Kelliem Ewlieni Laburista għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill iressaq il-kummenti tiegħu għat-tisħiħ tal-proċess ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali.

**3.6.** Rigward kont pendenti tad-dawl u l-ilma tas-sit 123, Triq Cameron, għall-ammont ta' €605.54, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-Avukat tal-Kunsill Dott. Ed. Woods għandu jiffinalizza din il-kwestjoni minħabba l-fatt, li dan il-ħlas kien qed jirreferri għall-perjodu wara li ġie ffirmat il-kuntratt jiġifieri, 3 ta' Lulju 2007.

**3.7.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Malta Communications Authority* dwar skema ta' *Wi-Fi Internet project* biex tiġi nstallata fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa għall-prezz ta' €75 fix-xahar għall-perjodu ta' sentejn.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din l-iskema għalkemm kienet interessanti ħafna, iżda r-rata kienet għolja.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li jingħata l-ammont ta' €58.00 bħala donazzjoni sabiex jinxtraw kotba għall-*prize day* lill-Kulleġġ Santa Klara kif ukoll, l-ammont ta' €150.00 lill-istess Kulleġġ għal *stationery/banners/streamers* eċċ bħala parti mill-ispejjeż sabiex tiġi organizzata *Sports Day 2009*

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jingħata l-ammont ta' €38.00 sabiex jinxtraw għaxar pakketti *A4 paper* bħala *one time offer* lill-*Mascular Dystrophy Group.*

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri sabiex d-ditta *Compunet Ltd* tissupplixxi erbgħa *Kensington locks bl-alarms* għall-*laptops* li ġew installati fl-*Activities Centre* li tnejn minnhom ser jingħataw mingħajr ħlas u l-prezz għat-tnejn l-oħra kien ta' €55.00 VAT inkluża kull wieħed.

**3.11.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fid-29 t'April kienet attendiet laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma dwar l-installazzjoni ta' *meters* diġitali. Hi kompliet tgħid, li dan ser ikun *pilot project* f'diversi lokalitajiet u l-Gżira kienet ser tagħmel parti minn dan il-proġett. Qalet ukoll, li dak in-nhar stess il-Kunsill kien irċieva lista tat-toroq fejn kien ser isir dan ix-xogħol li kellu jibda bejn it-8 u 14 ta' Ġunju 2009.

**3.12.** Ġie ppreżentat il-*quarterly report* tal-Perit tax-xhur bejn Jannar u Marzu 2009, li kien jinkludi x-xogħlijiet li saru u l-proposta tal-*Local Plan* għall-MEPA.

**3.13.** Il-Kunsill unanimament ma qabilx mal-kwotazzjoni ta' €1,200 + VAT mibgħuta mill-E.L.C. biex isir ix-xogħol tat-tneħħija ta' *gravel* mis-*Centre Strip* fi Triq ix-Xatt.

**3.14.** Inqrat *memo* 25/2009 – Fondi Speċjali għall-Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dawk il-Kunsilli li jridu jibbenefikaw minn dawn il-fondi għandhom:

i. jispeċifikaw il-ħtieġa speċjali li għaliha jkun qed jitlob il-finanzjament
ii. jagħti il-ġustifikazzjoni għalfejn tali ħtieġa teħtieġ allokazzjoni addizzjonali.
iii. Jehmeż *Balance Sheet* li magħha jkollha stqarrija ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-*commitments* kollha li jkollu l-Kunsill li ma jkunx riflessi fil-*Balance Sheet*.
iv. Jehmeż tabella li turi d-dħul tal-Kunsill fl-aħħar tlett snin li jkun addizzjonali għall-allokazzjoni finanzjarja mogħtija mill-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill għandu jibgħat is-sottomissjoni tiegħu skont id-diskussjoni li saret, dwar il-punti hawn fuq imsemmija.

**3.15.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**10. Affarijiet Oħra**

**10.1.** Rigward iż-żewġ pitturi ta' Esprit Barthet, il-Viċi-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, għanhom jerġgħu jibdew id-diskussjonijiet mad-ditta GasanMamo li kienet ser tisponsorja s-somma ta' €2,329.37 (Lm1,000) għal waħda mill-pitturi, sabiex din id-ditta tixtrihom it-tnejn għall-ammont ta' €3,494.06 (Lm1,500) filwaqt li l-Kunsill joħroġ is-somma ta' €1,164.69 (Lm500) li tkun *a one time occasion* minħabba l-fama tal-pittur u r-rabta partikulari li kellu mal-Gżira.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri ma' dak li qal il-Viċi-Sindku.

**10.2.** B'eżitu tal-fatt, li l-Kunsill kellu bżonn *Television* għall-*Activities Centre*, ntbagħtu kwotazzjonijiet għall-*42 inch full HD TFT* lil dawn id-ditti

*Doneo Co. Ltd.*
*Jokate Co. Ltd.*
*Astral Enterprises*
*Sound Machine Digital World*
*Flamingo Complex (Mirage Holdings Ltd)*

Tlieta kienu dawk li wieġbu

*Doneo Co. Ltd.*
*Sound Machine Digital World*
*Flamingo Complex (Mirage Holdings Ltd*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tingħażel id-ditta *Sound Machine Digital World* għalll-prezz ta' €799 (ara *Appendix* Nru: 5).

**10.3.** Tressqet il-proposta tad-ditta *Wise Owl* u wara diskussjoni qasira, ġie deċiiż unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li, parti mill-kotba jittieħdu fl-*Activities Centre* filwaqt li l-kumplament jiġu diskussi mal-librara.

**11. Laqgħa Oħra**

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.15 p.m.

Dott. Chris Bonett LL.D.
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Ref Nru.K124/26/07

4 t'April 2007

Lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita'
Ċentru Ħidma Soċjali
Triq Braille
Sta. Venera HMR 18

Għażiż

Nixtieq niġbidlek l-attenzjoni, li s-Sinjura Mary Harding li toqgħod Nru.47 Triq Sir Patrick Stuart Gżira, għada ma rritornatx lura l-*Blue Sticker* li hi mwaħħla mal-*windscreen* tal-vettura tagħha ta' għamla Renault bir-reġistrazzjoni Nru.CLO115. Din il-*blue Sticker* kienet tappartjeni lil Ommha, s-Sinjura Lilian Harding li mietet fit-3 ta' Jannar 2007 u li kienet toqgħod fl-indirizz hawn fuq msemmi.

Ġentilment nitolbok tieħu l-azzjoni neċessarja.

Grazzi ta' l-attenzjoni, nselli għalik.

Dejjem tiegħek

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

GŻIRA


# Kunsill Lokali Gżira

283/1 Rue D'Argens Gżira

Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt


## <u>Rapport Amministrattiv Annwali</u>

## 2008/2009

Werrej


1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena 2007/2008*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2010*

   f. *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena 2008/2009

Kummenti Sindku – Rapport Amministrattiv 2009

Bħal kull sena, bħala Kunsill qegħdin nagħtukom rendikont tax-xogħol li sar f'din l-aħħar sena ta' ħidma tal-Kunsill Lokali Gżira. Kienet sena oħra li rat il-Kunsill jaħdem mingħajr waqfien sabiex jipprova, minkejja l-limitazzjonijiet kollha tiegħu sabiex imexxi l-Gżira 'l quddiem u jagħti ħajja aħjar lir-residenti tal-Gżira.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa dettaljata ta' dak kollu li sar fl-aħħar sena, iżda fuq kollox dawn il-kummenti tiegħi jingħataw b'ħarsa lejn il-futur. Fil-fatt, ġejja sena li fiha qegħdin nistennew li nilħqu l-miri kollha li konna għamilna flimkien meta dħalna għal din ir-responsabbilita' f'April tal-2007, u b'sodisfazzjon ngħid li l-miri ser ikunu ntlaħqu kollha.

Aħna konna tlaqna għal din l-avventura bit-tir illi jkollna ċentru fejn inkunu nistgħu nikkonċentraw il-ħidma mar-residenti tal-Kunsill u post fejn l-anzjani tagħna jsibu wens. Dan ser jikkonkretizza bil-ftuħ taċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet, ġewwa Triq San Albert nhar -il 15 ta' Mejju li ġej.

Ridna nagħmlu *embellishment* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa. Fil-fatt, l-aħħar *embellishment* kien sar fl-aħħar tat-tmeninijiet. Ix-xogħol beda għaddej ġmielu u sa l-aħħar tas-sena jkollna ġnien mill-aktar modern, b'ħarsa lejn is-*safety* tat-tfal meta jkunu l-bandli.

Dawn kienu l-akbar proġetti li kellna f'moħħna għal tlett snin, u lestejna ħafna proġetti oħra kif ser taraw fir-rapport amministrattiv li qiegħed jiġi ppreżentat lilkom illum.

Ippjanajna tlett snin u wasalna biex inwettqu kollox. Pero', issa għandna sfida akbar u dan peress li permezz tar-Riforma li għamel il-Gvern Ċentrali fuq il-Kunsilli Lokali, t-terminu ta' dan il-Kunsill ġie estiż għal sentejn oħra u cioe' sal-2012.

Dan ser igib miegħu ħafna xogħol diffiċli u l-akbar mira tal-Kunsill ser tkun biex it-tranżizzjoni mill-istadju ta' qabel ir-riforma għal wara, tkun mingħajr problemi. Dan ser ikun diffiċli mmens minħabba l-fatt, li din l-istess riforma ser tbiddel radikalment l-istruttura u l-proċeduri tal-Kunsill Lokali. Ħafna aktar responsabbilita' ser tintrefgħa mill-ħaddiema tal-Kunsill, b'mod partikolari mis-Segretarju Eżekuttiv, u nemmen li sakemm din ir-riforma tidħol totalment fis-seħħ, ser niffaċċjaw ċertu problemi li ċertament setgħu ġew evitati.

Għalkemm ir-riforma għandha l-lati pożittivi tagħha, ma nistax ma nirrimarkax il-punti fejn din ir-riforma tħallina perplessi. L-akbar eżempju huwa l-fatt, li l-finanzi tal-Kunsill ser jiġu kkontrollati totalment mill-Gvern Ċentrali. Dan jinkwetana mhux ftit, peress li wara r-riforma l-Kunsill mhux ser ikollu l-liberta' li jimmaniġġja l-finanzi tiegħu fl-aħjar interessi tar-residenti u fuq kollox ser jonqos l-ispazju għall-kreattivita'. Jien nemmen, li l-Kunsill qatt m'għandu jiġi relegat għal Dipartiment tal-

Gvern ieħor, iżda għandu jiġi kkonsolidat bħala Gvern Lokali. Sfortunatament, jidher illi din ir-riforma ser twassal biex il-Kunsill isir Dipartiment tal-Gvern ieħor u kapaċi jelimina l-veru skop tal-eżistenza ta' l-istess Kunsilli Lokali u cioe' dak ta' Gvern Lokali elett mir-residenti għall-ġid tagħhom stess.

Madanakollu, minkejja l-avversitajiet, aħna kommessi li nagħmlu l-almu tagħna, kif dejjem għamilna, sabiex nippruvaw nagħtu kwalita' ta' ħajja aħjar lill-Gżirjani kollha u minn qalbi nemmen illi għandna lokal kapaċi bizzejjed, biex jiffaċċja dawn l-isfidi b'wiċċu minn quddiem u li fl-aħħar joħrog aktar b'saħtu minn qabel.

Ċertament, dawn il-miri ma jistgħux jintlaħqu mingħajr l-*input* prezzjuż tal-Kunsilliera kollha li tant qegħdin jagħmlu għall-ġid tal-lokal. L-akbar grazzi tmur lilhom. Grazzi kbira għandha tmur ukoll għall-i*staff* kollu tal-Kunsill, iggwidat mis-Segretarju Eżekuttiv illi ta' kuljum iridu jlaħħqu ma' ħafna xogħol u lmenti, u dejjem sibnihom lesti għal kull avenjenza.

L-aħħar grazzi tmur lilkom ir-residenti, li tant tgħinuna sabiex nagħmlu l-ħajja aktar faċli għal kulħadd. Aħna dejjem emminna li r-resident għandu jkun il-protagonist prinċipali fil-ħajja tal-Kunsill Lokali u bil-parteċipazzjoni totali tagħkom, tkomplu tħeġġuna

Dott Chris Bonett B.A. LL.D.

Sindku

## 2. REF NRU ADMRP8/00 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA 2007/2008*

### a. DAĦLA

Matul is-sena finanzjarja 2008/2009, il-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-ammont ta' €345,152 (Lm148,173.75) bħala allokazzjoni, li magħha l-Kunsill Lokali hu ntitolat li jirċievi s-somma ta' €3494.06 (Lm1,500.00) meta ssir l-ewwel *Bring-in site*. Apparti dawn l-ammonti, matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill Lokali ffirma diversi kuntratti ma' l-*Urban Improvement Fund* fi ħdan il-M.E.P.A. sabiex ikunu jistgħu jsiru diversi proġetti oħra ta' tisbieħ fil-lokalita'. Fil-fatt, abazi tal-kuntratt iffirmat fl-20 ta' Ġunju 2007, tlesta l-proġett ta' tisbieħ fil-*housing estate*, liema xogħol, kien nbeda fis-sena li għaddiet u f'għeluq ta' din is-sena finanzjarja l-Kunsill ġie rimburżat l-ammont ta' €10,930.72 (Lm4,692.56), ammont li jinkludi l-aħħar pagament fuq il-proġett tal-*housing estate* u l-ammont sħiħ tat-Tkomplija tat-Tisbieħ fix-Xatt skont il-kuntratt iffirmat fis-27 ta' Frar 2009. Intant, ma' l-istess Awtorita', l-Kunsill iffirma żewġ kuntratti oħra fl-20 t'Awwissu 2008, u fit-13 ta' Frar 2009 għat-tranġar u tisbieħ tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira u l-ewwel minn erba' fażijiet ta' xogħlijiet ta' pavimentar ġdid fiċ-Ċentru tal-Gżira u madwar ix-Xatt rispettivament, permezz ta' liema, l-Kunsill Lokali ser ikollu għad-dispożizzjonijiet tiegħu l-ammont totali ta' €252,223.11. Il-proġett tal-pavimentar ġie sottomess biex jissostitwixxi l-applikazzjoni pendenti ta' twessiegħ, tisbieħ u tranġar ta' parkeġġ fix-Xatt minħabba l-fatt, li dik l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi approvata in vista tal-proġett ta' *link road* li għadu ma ġiex finalizzat. Għalhekk, il-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief, li għall-benefiċċju tar-residenti, l-fondi jiġu utilżati fi proġett ieħor, li bla dubju dak approvat ser ikun mhux biss ta' ġid għall-komunita' Gżirjana iżda, għal kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna. Dan għaliex, l-għan tal-proġett approvat hu, li jsiru l-bankini li għadhom ma sarux mill-Kunsill madwar il-lokalita' kollha. Għalhekk, il-Kunsill flimkien mal-Perit tiegħu qed iħejju Sejħa għall-Offerti għall-ewwel żona sabiex din tkun tista' tiġi ppubblikata fil-ġimgħat li ġejjin.

Intant, abazi tal-kuntratt mogħti lid-ditta *Polidano Brothers LTD* fil-5 ta' Marzu 2009, l-Kunsill Lokali beda l-ħidma fuq il-ġnien li għalkemm hu stmat li x-xogħol jitlesta fiż-żmien 26 ġimgħa, diġa' wieħed jista' jinnota d-dehra isbaħ li qed jingħata dan il-post rikreattiv.

Wara diversi snin li l-Kunsill Lokali ilu jiddiskuti mal-Gvern Ċentrali dwar l-istat nferjuri tal-Latrina Pubblika u b'eżitu ta' ħsarat strutturali li zviluppaw, l-Kunsill Lokali laħaq ftehim mal-Gvern Ċentrali, li filwaqt li l-Kunsill jipprovdi l-materjal, l-Gvern Ċentrali jipprovdi r-riżorsi umani sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol. Fil-fatt, preżentament tlesta x-xogħol infrastrutturali, nkluż it-tqiegħid ta' saqaf ġdid u bħalissa għaddej ix-xogħol fuq l-installazzjoni ġdida tas-sistema tad-dawl u l-ilma sabiex

sussegwentament jiġu nstallati servizzi sanitarji ġodda. Tajjeb li jkun rimarkat, li permezz ta' dan il-proġett, il-Kunsill mhux biss ser ikun qed jagħti dehra ġdida lil dan il-post pubbliku iżda, ġew nstallati sanitarji għall-persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex b'hekk ikun aċċessibbli għal kulħadd.

B'hekk permezz ta' fondi mill-U.I.F. u l-għajnuna mill-Gvern Ċentrali, qed jingħata lok lill-Kunsill Lokali, sabiex filwaqt li jkunu jistgħu jitwettqu proġetti li mhux possibbli li jsiru mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkun hemm il-ħtieġa li jew jitnaqsu s-servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

## b. Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena 2008/2009

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma partikularment dak tal-kultura u l-edukazzjoni.

Bħalma kien ġie aċċennat fl-ewwel rapport amministrattiv ta' din il-leġislatura, dan il-Kunsill Lokali kompla jespandi l-kalendarju t'attivitajiet kulturali tiegħu. Dan kien possibbli billi, filwaqt li nżammu l-appuntamenti t'attivitajiet li saru fis-sena amministrattiva preċedenti, ġew introdotti inizjattivi ġodda sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni tar-residenti. Fil-fatt, ma setgħax jonqos li l-Kunsill iżomm l-appuntament anwali tiegħu u ħejja programm b'temi varji għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Gżira. Minħabba l-fatt, li matul din is-sena, l-Għaqda Mużikali Mount Carmel ċċelebrat is-sittin sena anniversarju tagħha, l-programm ta' Jum il-Gżira ġie organizzat ġimgħa qabel sabiex kien possibbli li jitlaqqgħu ż-żewġ avvenimenti. Għalhekk, il-programm ta' ġimgħa t'attivitajiet nbeda t-Tnejn 5 ta' Mejju bi żjara lill-Anżjani Gżirjani f'San Vinċenż de Paule filwaqt li l-għada 6 ta' Mejju saret żjara lill-Anzjani fid-dar ta' l-Anżjani tal-Gżira. Apparti dawn, saru anke żjajjar lill-Anzjani fil-lokalita', attivita' li minħabba l-intensita' tagħha, ġiet imqassma fuq jumejn. Ma setgħax jonqos li wara l-ewwel sena ta' suċċess mill-ftuħ mill-ġdid tal-librerija pubblika, l-Kunsill organizza attivita' edukattiva f'dan il-post pubbliku b'għotja ta' kotba. L-attivitajiet ġew konklużi l-Ħadd 11 ta' Mejju b'Quddiesa ta' ringrazzjament u wara sar l-inawgurazzjoni tal-Bust ta' William Apap, promotur ta' l-isport li għamel ġieħ kemm lill-Gżira kif ukoll, l-Isport Malti. Ħasra kienet biss, li l-Kunċert mill-Għaqda Mużikali li kellu jsir is-Sibt 10 ta' Mejju ma setgħetx isir minħabba li t-temp ma ppermettiex madanakollu, sar riċeviment mill-Kunsill għall-Għaqdiet kollha u ngħata l-premju Anzjan tas-Sena lis-Sinjura Vinċenza Attard.

Bħalma ġara fis-sena preċedenti, l-parteċipazzjoni tar-residenti kompliet s-saħħaħ l-impenn tal-Kunsill u b'kollaborazzjoni m'uħud mill-

lukandiera u negozzjanti, ġew organizzati tmien serati ta' Mużika fix-Xatt matul ix-xhur sajfin. Il-Kunsill jinnota li attivitajiet bħal dawn ma kienux biss mistennija mir-residenti li pparteċipaw għalihom, iżda kien hemm *feedback* pożittiv minn negozjanti tax-Xatt, minħabba li attiraw diversi turisti u nies minbarra l-lokalita' fix-Xatt tal-Gżira

Attivita' oħra ta' kant ġiet ukoll organizzata, fl-10 ta' Diċembru 2008, fi Pjazza Meme Scicluna, fejn bħala ftuħ t'attivitajiet tal-Milied fil-lokalita', saret attivita' simbolika bl-inawgurazzjoni tad-dawl tal-Milied, li ġie mbierek mill-Kappillan tal-Parroċċa u wara sar diskors qasir ta' l-okkażjoni mis-Sindku, sar kant tal-Milied mill-Kor tal-Parroċċa Fjur tal-Karmelu Gżira. Tajjeb li wieħed jinnota r-rimarki li l-Kunsill rċieva, partikularment tar-residenti taż-żona li apprezzaw għall-kuntrarju tan-normalita' li l-attivitajiet li jsiru fix-Xatt, ġiet organizzata fil-Pjazza.

Aspett ieħor ċentrali f'dan il-qasam kien, l-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Programm Ħadd Għalik, fejn b'*team* kompost mis-Sindku Dott Chris Bonett u s-Sinjuri Jurgen Bonett u Joe Ian Attard, rnexxielhom jirbħu dan il-*quiz show,* li mhux biss kien unur għall-Gżira iżda, saħħaħ il-fond ta' dan il-Kunsill b'€10,000.00

Bi tkomplija mis-sena preċedenti, l-Kunsill estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħu għal matul din is-sena u kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampanja l-Ktieb Teżor mad-ditta *Merlin Libraries*, kampanja li kif l-Kunsill Lokali kien nforma fir-rapport preċedenti, hi mmirata għall-ġenituri u t-tfal li jkunu ser jibdew l-ewwel sena skolastika tagħhom. Għalhekk, inxtara pakkett ta' kotba li ġew regalati lil kull tifel u tifla li bdew l-ewwel sena tal-*kindergarden* kemm f'Ottubru 2008 kif ukoll, f'Jannar/April 2009. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-*crafts*, il-Kunsill kompla għaddej b'dan it-tagħlim mill-ko-ordinattriċi Alexandra Galea. Madanakollu, ġie ntrodott kunċett ġdid ta' *crafts club* u għalhekk, ir-residenti li attendew ma kienux obbligati li jagħmlu tip wieħed ta' *crafts* iżda, filwaqt li kienu assistiti minn Sna Galea, kulħadd kien liberu li jagħmel it-tip ta' *crafts* preferit tiegħu.

Din l-idea ta' *clubbing* ser tkun waħda mill-ideat prinċipali taċ-Ċentru t'Attivitajiet li ser jiftaħ fil-jiem li ġejjin. Fil-fatt, wara ħidma ntensiva, sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, l-Kunsill wasal biex jinawgura dan iċ-Ċentru fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert, li l-għan tiegħu hu, li aktar mill-wieħed jistenna li jiġu organizzati attivitajiet għalih jew għaliha, r-resident hu mistieden li jieħu nizjattiva li jorganizza l-attivita' hu. Għalhekk, permezz ta' dan iċ-Ċentru, l-Kunsill qed jagħmel stedina miftuħa sabiex kull min għandu x'idea jew jixtieq jorganizza attivita', jista' jagħmel dan billi jagħmel kuntatt mal-Kunsill u jiġi allokat ħin fl-iskeda li tiġi mħejjija minn xahar għal xahar. Għaldaqstant, filwaqt li l-attivitajiet edukattivi, soċjali u kulturali skjedati huma varji bl-għan li jolqtu l-gosti ta' kulħadd, il-Kunsill iħeġġeġ lil dawk kollha li għandhom aktar ideat biex javviċinah, bl-għan, li l-ispektru t'attivitajiet ikun l-aktar

wiesa' possibbli. Apparti dawn l-inizjattivi, dan iċ-Ċentru ser iservi kemm bħala *internet centre* kif ukoll, bħala ċentru edukattiv tant, li a bazi ta' diskussjonijiet mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ser jiġu organizzati numru ta' korsijiet f'tagħlim bażiku tal-lingwi u anke korsijiet innovattivi bħal kif wieħed jitgħallem jifhem l-informazzjoni li jkun hemm fuq l-pakketti u l-bottijiet ta' l-ikel.

Intant, ġew ukoll organizzati korsijiet tal-kompjuter mid-ditta *Malta Insitute of Computer Science*, fit-tagħlim bażiku ta' din il-materja liema korsijiet, kienu sussidjati mill-Kunsill. L-istess kunċett tas-sena preċedenti kien applikat ukoll matul is-sena attwali u ngħata l-opportunita' li t-tagħlim fl-informatika jinkludi ukoll korsijiet f'*Windows*, *Word, Excel* u *Internet*.

Bla dubju, l-qasam edukattiv kompla jingħata spinta 'l quddiem permezz tal-librerija pubblika. Impenn tal-librara Sna Nathalie Camilleri kien importanti fis-suċċess li l-Kunsill wettaq matul din is-sena amministrattiva u dan jirriżulta mill-fatt, li matul din is-sena żidna l-membri għal 175. Il-Kunsill Lokali jirrikonoxxi d-dedikazzjoni tas-Sna Camilleri li estendit is-servizz tagħha billi tgħin kemm lill-anzjani jagħżlu l-kotba tal-preferenzi tagħhom kif ukoll, tgħin lit-tfal fir-riċerka għall-proġetti skolastiċi. Il-ħidma f'dan il-qasam kompliet tissaħħaħ billi, sabiex t-tfal jiġu mħeġġa jaqraw iżjed, s-Sibt qed isiru sezzjonijiet ta' qari għat-tfal permezz tal-pupazzi. Il-Kunsill żamm l-istess ġranet u ħinijiet ta' ftuħ, jiġifieri l-librerija tkun miftuħa, Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt mid-09.00 a.m. sa 12.00 p.m.

Din kienet ukoll, it-tieni sena mill-kuntratt iffirmat ma' l-Iskola Santa Monika, fejn permezz tal-ftehim iffirmat fit-12 ta' Frar 2008, il-Kunsill kompla bl-organizzar t'attivitajiet rekreattivi għar-residenti fil-ġnien ta' din l-iskola.

L-impenn infrastrutturali kien fiċ-ċentru tal-ħidma tal-Kunsill. Fil-fatt, ġie ffinalizzat t-tieni proġett iffinanzjat mill-U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A., li kien l-*embellishment* fil-*Gżira Housing Estate* kif ukoll, f'Marzu 2009, nbeda t-tielet proġett fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira proġett, li ser jagħti kompletament dehra mill-isbaħ lill-parti ċentrali ta' dan il-post pubbliku. Tajjeb li wieħed ikun nfurmat, li dan il-proġett ġie limitat għall-parti ċentrali biss minħabba l-*link road* li għalkemm l-pjanta tagħha għada ma ġietx madanakollu, l-indkizzjonijiet huma, li din ser tgħaddi mill-ġnien u għalhekk ma kienx ikun approprijat li jintefqu flus fuq parti ta' dan il-post rekreattiv li fil-futur jista' jifforma parti minn xi karreġjata. Bħalma jsir ta' kull sena b'tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts* ta' Triq ix-Xatt minn Triq Imsida sa Triq San Ġorġ madanakollu, għall-ewwel darba apparti t-tindif, il-medded kollha tal-*culverts* ġew analizzati b'*CCTV cameras*, sabiex setgħu jiġu ddentifikati l-partijiet li matul iż-żmien ċedew. Minkejja li dan kien eżerċizzju mhux biss intensiv iżda

anke rrikjeda wkoll ammont ta' flus sabiex setgħa jsir, kien ferm importanti, sabiex abazi ta' diskussjonijiet ma' l-Awtoritajiet Ċentrali, l-Kunsill ikun jista' jippreżenta rapport ta' fejn jeħtieġ rikostruzzjoni ta' dawn il-*culverts*, liema responsabbilita' hi tal-Gvern Ċentrali.

Apparti x-xogħol kontinwu ta' manutenzjoni li sar fix-Xatt, nkluż tindif tal-Globi sar ukoll, tiżjin bid-dawl tul ix-Xatt kollu fil-perjodu tal-Milied kif ukoll, qed issir manutenzjoni qawwija fuq il-gazebos eżistenti. Huwa ppjanat ukoll, li fil-ġimgħat li ġejjin ser isir xogħol ta' tranġar u tisbieħ fuq ic-*Central Strip* tax-Xatt.

Minkejja l-pjan mfassal mill-Kunsill u l-impenn mill-Kunsillier responsabbli mill-Infrastruttura, l-programm għall-*patching* ma setgħax jiġi eżawrit minħabba, li l-kuntrattur naqas milli jobdi r-rekwiżiti stipulati fuqu skont il-kuntratt mogħti. Dan wassal, sabiex il-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief li wara l-avviżi kollha mibgħuta u l-kuntrattur ma ġiex jagħmel ix-xogħol mitlub minnu, nħarġet sejħa għall-kwotazzjoni sabiex jinħatar kuntrattur ieħor fuq bażi temporanja biex jiġu eżawriti x-xogħlijiet pendenti.

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali ma kinitx relatata biss ma' żvilupp infrastrutturali, iżda nkludiet żvilupp ambjentali fuq is-*Soft Areas*, partikularment il-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, t-*traffic island* u l-partijiet li jagħtu man-naħa tal-baħar li hemm fi Triq ix-Xatt.

It-tlett ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill u ħaddiem assenjat mill-Gvern Ċentrali huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet, installazzjoni ta' riċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini u tranġar ta' tabelli tat-traffiku.

Minn April 2008 sa Marzu 2009, il-Kunsill iffinalizza diskussjonijiet dwar għoti ta' kuntratti mibdija fis-sena amministrattiva preċedenti. Fil-fatt, il-kuntratt għall-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste & Hiring of Skips* u *Insurance Policy* ġew estiżi għall-sena oħra lill-kuntrattur Emanuel Mifsud u *AON Insurance Brokers* rispettivament.

Intant, ġew ppubblikati Sejħiet għall-Offerti għall-

i. *Installation & Commissioning of No:225 kgs Lifting Platform for Disabled at Gżira Activities Centre, Gżira Local Council*
ii. *Upgrading Works at Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira*

Fir-rispett ta' dawn is-sejħiet għall-Offerti, ġew aġġudikati u mogħtija lil dawn il-kuntratturi *Steve's Engineering LTD* u *Polidano Brothers LTD, rispettivament.*

Il-Kunsill attenda laqgħat ta’

(i) l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.

(ii) mal-Pulizija tad-Distrett Sliema

(iii) *Vice Squad*

(iv) *Criminal Investigation Department*

(v) *Drug Squad*

(vi) *Traffic Section*

(vii) Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali

(viii) Direttorati fi ħdan l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta

(ix) Diversi kumpaniji kummerċjali privati.

(x) Diversi għaqdiet lokali u NGOs

## c. Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet tinkludi fost l-oħrajn

(i) Tindif – circa €152,340.90
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays* circa €5,645.92
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini u *rubber speed moderators* circa €11,963.90
(iv) Proġetti Infrastrutturali circa €21,456.47
(v) Servizzi Professjonali circa €10,128.17
(vi) Ġonna circa €26,555.04
(vii) Dawl circa €4,276.13

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena 2008/2009 bħala waħda sodisfaċenti.

Attendenza għall-laqgħat bejn l-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009.

| | Laqgħat | Preżenti | Skuati | Assenti | Persentaġ ġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Dunstan Attard | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Anthony Abela | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Joseph Camilleri | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| Malcom Camilleri | 12 | 4 | 4 | 4 | 33% |
| Ian Micallef | 12 | 3 | 5 | 4 | 25% |
| Victor P Rutter | 10 | 5 | 3 | 2 | 50% |

B'eżitu tal-vakanza li nħolqot fil-Kunsill, fis-7 t'April 2009, saret elezzjoni każwali u ġie elett is-Sur Victor P Rutter bħala Kunsillier għal din il-lokalita'. Is-Sur Rutter mhux wiċċ ġdid għal dan il-kunsill tant, li fil-leġislaturi preċedenti serva kemm bħala Kunsillier kif ukoll, bħala Viċi-Sindku.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa soċjali kull xahar għall-Anzjani, ntroduċa attivita' kull ħmistax billi organizza *private* għall-Armier, *Carnival Party* kif ukoll, ħarġiet kulturali fosthom fir-Rabat, l-Imdina, l-Buskett fejn saret żjara fil-Palazz tal-President ta' Malta l-Verdala u l-Birgu.

Matul l-2008/2009, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2010

Kif wieħed setgħa jinnota matul din is-sena ta' ħidma, l-Kunsill kompla għaddej b'impenn kemm fuq dak li kien nbeda jew ġie ppjanat fis-sena preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Din is-sena serviet, biex il-Kunsill kompla saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk, kompla bil-pjan tiegħu skont ir-responsabbilitajiet mogħtija fil-bidu tal-leġislatura sabiex il-programm intensiv ta' twettiq ta' xogħol setgħa jkompli jiġi eżawrit kif ukoll, fejn kien neċessarju ġew introdotti kunċetti ġodda biex kien possibbli li jittejjeb is-servizz mogħti lill-Komunita' tagħna. Bla dubju, l-ħidma mwettqa matul din is-sena kompliet turi l-impenn serju ta' dan il-Kunsill, mhux biss lejn ir-residenti iżda ukoll, lejn il-komunita' kummeċjali u kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna.

## f. Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja 2008/2009 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Ref Nru: K122a/09

22nd April 2009

**<u>Tkomplija tal-Proċess għall-Vakanza t'*Accountant* li saret it-Tlieta 22t'April 2009 f'nofs nhar fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira.</u>**

Kif spjegat waqt l-intervista li saret ma' kull sottomettent, it-Tlieta 22 t'April 2009 f'nofs nhar, nfetħu s-sottomissjonijiet miftuħa mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tal-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

Ir-rati kienu:

| | Robert John Ducker | Antoine Portelli | Karl Luke Delia | Graziella Camilleri |
|---|---|---|---|---|
| *Monthly Rate* | € 250 | € 375 | € 590 | € 250 |

A bazi tar-ranking mogħtija wara l-interviews, l-Viċi-Sindku għamel weighted percentage:

| ***Number*** | ***Interviewee*** | ***Score*** | ***Monthly €*** | ***Weight €*** |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Antoine Portelli | 100 | 375 | 375 |
| 2. | Karl Luke Delia | 80 | 590 | 738 |
| 3. | John Robert Ducker | 65 | 250 | 385 |
| 4. | Graziella Camilleri | 60 | 250 | 417 |

N.B. Il-*Weight* ġie kkalkulat:-il-ħlas fix-xahar kieku l-*score* kien 100, diviż skont l-*score* mogħti.

Għaldaqstant abażi ta' prezz, kwalifikazzjonijiet, esperjenza u mpenn lejn ix-xogħol, qed jiġi rakkomandat, is-Sur Antoine Portelli.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Sur Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Ref Nru: K122/09

22nd April 2009

**<u>Minuti ta' l-*Interviews* għall-Vakanza t'*Accountant* li saru l-Ħamis 16t'April 2009 fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Gżira.</u>**

Membri preżenti Sindku Dott Chris Bonett u l-Viċi-Sindku Dunstan Attard flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsillier Ian Micallef informa li ħadt minn naħa tagħhom ma seta' jkun preżenti, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

L-ordni ta' l-*Interviews* kienu:

2.00 p.m. - Sna Justine Vella
2.10 p.m. - Sur Robert John Ducker
2.30 p.m. - Sur Antoine Portelli
2.50 p.m. - Sur Karl Luke Delia
3.15 p.m. - Sur Reuben Buttigieg
5.00 p.m. - Sna Graziella Camilleri

Sindku Dott Chris Bonett ippreseda l-*interviews*.

**<u>2.00 p.m. – Sna Justine Vella</u>**

Ic-*Chairman* Chris Bonett irringrazzja lis-Sna Vella ta' l-interess li uriet fl-avviz ippubblikat mill-Kunsill Lokali, madanakollu spjegalha li wara li l-Kunsill eżamina d-dokumenti sottomessi minnha, hu tal-fehma li għalkemm hi studjat l-accounts, dan sar f'livell bażiku biss. Għalhekk staqsieha jekk għandiex esperjenza tax-xogħol bħal accountant?

Għar-risposta fin-negattiv tas-Sna Vella, ic-Chairman qal li filwaqt li hi tista' taqdi tajjeb d-dmirijiet ta' *accounts clerk*, madanakollu mhux dak ta' *accountant.*

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard staqsiha x'kienet ir-raġuni l-għala applicant għal din il-vakanza. Is-Sna Vella rrispondiet li din tista' tkun xi ħaġa ġdida għaliha u dak kien li mmotiva.

Għaldaqstant filwaqt li l-Kunsill ried jagħtiha l-istess opportunita' bħas-sottomettenti l-oħra u rringrazzja mill-ġdid, nfurmaha li jħoss li hi *under qualified*.

**2.10 p.m. - Sur Robert John Ducker; 2.30 p.m. - Sur Antoine Portelli;**
**2.50 p.m. - Sur Karl Luke Delia; 3.15 p.m. - Sur Reuben Buttigieg;**
**5.00 p.m. - Sna Graziella Camilleri**

Fir-rispett ta' l-intervisti l-oħra, ġiet addotta s-sistema li wara li jingħataw merħba mis-Sindku, l-Viċi-Sindku jitlobhom jistaqsu dak kollu li jħossu li hu opportun li jkunu jafu dwar ix-xogħol sabiex sa Tlieta 21t'April 2009 f'nofs nhar, ikunu jistgħu jissottomettu r-rata tagħhom fix-xahar f'enveloppe siġillat. Kull persuna tiġi nfurmata li s-sottomissjonijiet jinfetħu eżatt wara l-ħin ta' l-għeluq u jista' jkun/tista' tkun preżenti għall-ftuħ.

Il-mistoqsijiet relatati max-xogħol jitwieġbu kollha mis-Segretarju Ezekuttiv u wara abazi ta' dak diskuss jintervjeni l-Viċi-Sindku bħala l-persuna teknika u finalment jikkonkludi s-Sindku bħala c-*Chairperson*.

Kif ġie nfurmat il-Kunsillier Ian Micallef, permezz t'email datata 03t'April 2009, l-evalwazzjoni ta' l-*interviewing board* kellha isir fuq il-ħames kriterji hawn taħt imniżla:

1. *Experience*
2. *Personality*
3. *Aptitude*
4. *Commitment*
5. *Qualifications*

Għalhekk a bazi ta' l-ordni hawn fuq spjegat saru l-intervisti, b'eċċezzjoni ta' dik mas-Sur Buttigieg minħabba l-fatt, li, b'eżitu tal-fatt li l-intervista mas-Sur Portelli ħadet fit-tul aktar milli previst, s-Sur Buttigieg ma setax ikompli jistenna għaliex kellu appuntament ieħor. Sfortunatament is-Sur Buttigieg qabad u telaq mingħajr ma nforma.

Is-Segretarju Ezekuttiv għamlet kuntatt telefoniku ma' *Erreme Business*, d-ditta li jirrappreżenta s-Sur Buttigieg, fejn ġiet nfurmata dak hawn fuq spjegat. Minkejja l-fatt li s-Sur Buttigieg ntalab jagħmel kuntatt mal-Kunsill meta jkollu ċans, dan qatt ma sar.

Wara li saru l-intervisti kollha, fuq bażi ndividwali, s-Sindku u l-Viċi-Sindku għamlu r-*ranking* tagħhom li kienu:

| | John Robert Ducker | Antoine Portelli | Karl Luke Delia | Graziella Camilleri |
|---|---|---|---|---|
| Sindku | 4 | 1 | 2 | 3 |
| Vici-Sindku | 3 | 1 | 2 | 4 |

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

Sur Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Ezekuttiv

| | | |
|---|---|---|
| Quotation for 42" FULL HD TFT to be Installed at Activities Centre | | |
| Quotations sent to Jokate LTD; Astral; Doneo Co. LTD; Flamingo Complex; Sound Machine Digital World | | |
| Quotations received Doneo Co. LTD; Flamingo Complex & Sound Machine Digital World | | |
| **Doneo Co Ltd** | **Flamingo Complex** | **Sound Machine Digital World** |
| Philips 42" HDMI Input (No VGA Input) - Euro 875 | Sharp 42" Full HD LCD TV Euro 799 | Samsung Plasma Screer PS42A416 Euro 799 |
| Philips 42" Full HD with HDMI Input (No VGA input) Euro 963 | | |
| Philips 42" Full HD 100Hz with HDMI Input and VGA Input Euro 1,245.00 | | |